MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1046/2012

**Allcare Insurance Agency Limited (C8180)**

**VS**

**2000 Limited (C7358)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat minn Stephen Muscat ghas-socjeta' rikorrenti tas-17 t'Ottubru 2012, li jaqra hekk:

*"Illi hu vestit bir-raprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk dawn il-fatti li hu ser jistqarr hu jafhom jew personalment jew inkella minn dokumenti tal-istess kumpanijja li hu ghandu acess ghalihom. Hu jiddikjara wkoll li hu awtorizzat mill-imsemmija kumpanijja sabiex jaghmel din id-dikjarazzjoni ghan-nom taghha.*

***L-Oggett tal-Kawza***

*1. Din il-kawza qedgha ssir sabiex jigu rkuprati somom ta' flus iktar l-isfel imsemmija illi is-socjeta' rikorrenti, bhala agenti tal-assikurazzjoni kienet ivversat ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' intimata, sabiex jithallsu premiums ta' poloz t'assikurazzjoni, sabiex ikopru vetturi tal-istess socjeta' intimata, u tas-socjeta' Mexico Garage Limited (liema somom mhallsin ghan-nom ta' Mexico Garage Limited, kellhom jigu fatturati u effettivament gew fatturati, bil-kunsens tas-socjeta' intimata, lill-istess socjeta' intimata);*

*2. Is-socjeta' rikorrenti kienet ottjeniet il-poloz elenkati fuq id-dokument ALL001 sa ALL026 sabiex ikopru vetturi appartenenti lis-socjeta' intimata u il-premuims taghhom jammontaw, skond kif jidher fuq Dok.ALL001 ghas-somom ta' €10,138.10. Dawn il-premuims m'humiex imhallsin mis-socjeta' intimata;*

*3. Is-socjeta' rikorrenti kienet ottjeniet il-poloz elenkati fuq id-dokument ALL027 sa ALL046 sabiex ikopru vetturi appartenenti lis-socjeta' Mexico Garge Limited, u il-premuims taghhom jammontaw, skond kif jidher fuq Dok.ALL027 ghas-somom ta' disghat elef sitt mija w sebgha w disghin euro u sitta w ghoxrin centezmu (€9697.26). Dawn il-premuims gew fatturati lis-socjeta' intimata bil-kunsens taghha stess, u m'humhiex imhallsin mis-socjeta' intimata;*

*4. Illi nonostante illi il-premuims fuq imsemmija ma gewx imhallsa mis-socjeta' intimata, is-socjeta' rikorrenti hallsithom hi stess lis-socjeta' assikuratrici, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn ezebiti u mmarkati dokumenti ALL047 sa ALL062;*

*5. Illi s-somma mhallsa ghalhekk mis-socjeta' rikorrenti ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' intimata tammonta ghal dsatax –il elf, tmien mija u hamsa u tletin euro u sitta w tletin centezmu (€19,835.36), skond kif jidher mir-rezokont finali hawn ezebit u mmarkat Dok. ALL063.*

***Ir-Raguni Ghat-Talba***

*It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex is-socjeta' intimata, interpellata ghall-hlas immedjat ta' din is-somma permezz ta' ittra bonarja tat-30 t'Awwissu 2012 (Dok.ALL064) kienet wieghbet illi din is-somma mhix dovuta minhabba li hi kellha claims fuq l-istess poloz, u dan permezz ta' ittra legal ital-10 ta' Settembru 2012, illi qedgha tigi ukoll ezebita u mmarakta bhala Dok. 065.*

*Illi din l-iskuza hija legalment infondata minhabba li ma tistghax taghmel ebda claim fuq polza t'assikurazzjoni jekk ma tkunx hallast il-premuims u l-excess. Kif ukoll illi ma tistghax fi kwalunkwe kaz issir tpacija minhabba li ma hemmx ammont cert likwidu u dovut lis-socjeta' intimata izda hemm biss claims, li jkunu jridu jigu processati .*

*Illi inhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1423/2012, izda s-socjeta' intimata xorta baqghet ma hallset xejn.*

*It-Talbiet*

*Illi ghal dawn il-mottivi l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex din :*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti, ghall-mottivi premessi, tas-somma ta' dsatax –il elf tmien mija w hamsa u tletin euro u sitta w tletin centezmu (€19,835.36), u*

*2. Tikkundanna lill-istess socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma, bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull polza relattiva, sal-effettiv hlas, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u mandat ta' sekwestru fuq imsemmija. Is-socjeta' intimata tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' intimata li naqset li tipprezenta risposta guramentata u ghalhekk baqghet kontumaci izda, deher l-avukat difensur tas-socjeta' intimata li informat lill-Qorti li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet fuq l-ammont izda mhux fuq il-modalita' tal-hlas;
Rat in-noti ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici a fol 134 u a fol 136;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju 2013;

Rat in-nota u l-affidavit ta' Dr. Richard Galea Debono illi ddikkjara bil-gurament illi l-bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta kien ta' disgha t'elef , u tnejn u tmenin Ewro (€9,082);

Rat u ezaminat l-atti tar-rikors;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-verbal tat-12 ta' Novembru 2012 illi fih l-Avukat difensur tas-socjeta' intimata ikkonfermat l-ammont li socjeta intimata kellha thallas lis-socjeta' rikorrenti (vide fol 132).

Peress illi mix-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta' rikorrenti, b'mod specjali ghall-affidavit ta' Dr. Galea Debono ghas-socjeta' rikorrenti, jirrizulta illi l-ammont rikjest fir-rikors guramentat gie ridott ghas-somma ta' disgha t'elef , u tnejn u tmenin Ewro (€9,082), liema somma ghadha dovuta.

Tqis illi l-provi prodotti mhumiex kontradetti anzi huma amessi mis-socjeta' intimata, u ghalhekk t-talbiet kif ridotti jirrizultaw ppruvati.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti limitatament ghas-somma ridotta ta' disgha t'elef, u tnejn u tmenin Ewro (€9,082) u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disgha t'elef , u tnejn u tmenin Ewro (€9,082) bl-imghax kummercjali, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------